# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru 6**

**Citazzjoni Numru 1710/99 GV.**

**Doc. 220/02**

**Carmen Cacopardo Mariani u Jane Xuereb u ghal kull interess li jista' jkollu zewgha Saviour Xuereb**

**vs**

**Albert Mariani, Victor Mariani, Joyce Sammut, Emily Bonnici u ghal kull interess li jista' jkollu Joseph Sammut zewg Joyce Sammut, u Dr. Stefan Camilleri u P.L. Juliana Scerri Ferrante li b'digriet tas-17 ta' Awissu, 1999 gew nominati kuraturi halli jirrapprezentaw l-imsiefrin Monica White, Marthese Roberts, Inez Spiteri u ghal kull interess li jista' jkollhom zwieghom rispettivament Edward White, Patrick Roberts u Alfred Spiteri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-partijiet huma kompropjetarji fi kwoti indaqs tat-tlett fondi (a) Casa Sacro Cuore fi Triq l-Isperanza, Mosta, kompriza l-arja u l-garage, bla numru u bla isem, anness mad-dar, liberi u frankii; (b) it-terran numru 101, Triq D'Argens, Msida,

suggett ghac-cens annwu u perpetwu, flimkien mal-fondi segwenti, ta' Lm3.45; u (c) is-sub-dirett dominju temporanju u s-subcens annwu u perpetwu relattivi ta' tmien partijiet minn disgha (8/9) ta' mitejn lira (Lm200), gravanti 8/9 tad-dar numru 103, Triq D'Argens, Msida ghaz-zmien li fadal minn 21 sena li bdew fit-13 ta' April, 1987, u s-sussegwenti utile dominju perpetwu tal-istess 8/9 partijiet, u l-utile dominju perpetwu tar-rimanenti nona parti (1/9), kollox soggett, flimkien mal-fond precedenti, ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm3.45.

Premess illi l-atturi ma jridux jibqghu in komunjoni mal-konvenuti fl-imsemmija fondi;

Premess li l-fondi imsemmija ma humiex komodament divizibbli bejn iz-zewg atturi separatament u l-konvenuti;

Premess li l-konvenut Albert Mariani qed jinkassa l-kera u c-cens tal-fondi msemmija mill-21 ta' Gunju, 1994 il-quddiem, u l-atturi ghandhom dritt kull wahda ghal-nona parti tal-inkassi msemmija;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-partijiet jippossjedu ndivizament u fi kwoti ugwali l-fondi msemmija, u huma intitolati kull wiehed u wahda ghal nona parti tal-inkassi kollha mill-fondi msemmija, percepiti mill-21 ta' Gunju, 1994 il-quddiem, u prevja d-dikjarazzjoni li l-fondi msemmija ma humiex komodament divizibbli f'nona parti lil kull wahda miz-zewg atturi u l-bqija lill-konvenuti:

a. tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fondi msemmija;

b. tawtorizza lil kull wahda miz-zewg attrui tippercepixxi u tiehu nona parti (1/9) mir-rikavat tal-bejgh tal-fondi, u

c. tillikwida l-ammont ta' inkassi mill-fondi maghmula mill-konvenut Albert Mariani, mill-21 ta' Gunju, 1994 sal-gurnata tal-bejgh tal-fondi; u

d. tikkundanna lill-konvenut Albert Mariani jhallas lil kull wahda miz-zewg atturi nona parti (1/9) tal-inkassi hekk likwidati, bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Albert Mariani, Victor Mariani, Joyce Sammut, Emily Bonnici u ghall kull interess li jista' jkollu Joseph Sammut, zewg Joyce Sammut a fol. 20 fejn eccipew:

1. Illi huma ma jsibux diffikulta li l-fondi msemmija fic-citazzjoni jinbieghu b'licitazzjoni u r-rikavat jinqasam bejn l-eredi kollha ugwalment skond it-testmenti;

2. Illi l-ezekutur testamentarju Albert Mariani ilu jithabat hafna sabiex ibiegh l-imsemmija fondi skond il-prezz fis-suq imma s'issa hadd ma tah is-somma mitluba;

3. Illi l-imsemmi Albert Mariani, bhala ezekutur testamentarju, ghamel u ghadu jaghmel hafna spejjez sabiex ihallas kontijiet necessarji wara l-mewt ta' l-ahhar genitur, fosthom kontijiet ta' funeral, dawl u ilma, telefon, stima ta' regettier u ta' perit, spejjez ta' divizzjoni ta' wirt, spejjez ohra li johorgu waqt il-kawza Ghal dawn huwa kellu jhallas mir-rikavat tac-cnus u kera msemmija fic-citazzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Dottor Stefan Camilleri u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante li b'digriet tas-17 ta' Awissu, 1999 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-imsiefrin Monica White, Marthese Roberts, Inez Spiteri u ghal kull interess li jista' jkollhom, zwieghom rispettivament Edward White, Patrick Roberts u Alfred Spiteri a fol. 23 tal-process fejn eccepew:

1. Illi huma mhumiex dedotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nomina tal-Perit Alan Saliba a fol. 46;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol. 49;

Rat id-decizjoni preliminari taghha tas-6 ta' Lulju, 2001 a fol. 138;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mir-relazzjoni tal-perit nominat jirrizulta li l-komunjoni qeda bejn disa' partijiet u dina ma tistax tinqasam komodament u minghajr skapitu u ghalhekk hu necessarju li dawn it-tliet proprjetajiet jinbieghu b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jithallsu lill-partijiet fi kwoti ndaqs.

Bis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 2001 dina l-Qorti kienet laqghet l-ewwel talba attrici.

Dwar it-talbiet l-ohra, il-Qorti semghet lill Albert Mariani li pprezenta prospett a fol. 63 fejn indika d-dhul u hrug sal-15 ta' Mejju, 2001 li juri bilanc favur il-partijiet ta' Lm426.96.6 (fol. 64). Dawn il-kontijiet ma gewx kontestati (ara verbali a fol. 143 u 144).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tawtorizza lill kull wahda miz-zewg atturi tippercepixxi u tiehu nona parti (1/9) mir-rikavat tal- bejgh tal-fondi u tillikwida l-ammont ta' l-inkassi mill-fondi maghmula mill-konvenut Albert Mariani mill-21 ta' Gunju, 1994 sal-15 ta' Mejju, 2001 fl-ammont ta' Lm426.96.6.

Tikkundanna lill-konvenut Albert Mariani jhallas lill kull wahda miz-zewg atturi nona parti (1/9) tal-inkassi hekk likwidati.

Bl-imghax u bl-ispejjez kullhadd skond is-sehem tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**